KUNSILL LOKALI TAS-SLIEMA
Triq Depiro,
Tas-Sliema, SLM 2037 – MALTA

TAS-SLIEMA

TAS-SLIEMA LOCAL COUNCIL
Triq Depiro,
Tas-Sliema, SLM 2037 – MALTA

Telephone: +356 2133 7633
Fax: +356 2134 5333
Email: sliema.lc@gov.mt
Website: sliemalocalcouncil.com

# LAQGĦAT TAL-KUNSILL TAS-SLIEMA TAD-DISA' LEĠISLATURA - LAQGĦA NUMRU 59

Is-sitta u ħamsin seduta tad-disa' leġislatura tal-Kunsill Lokali Tas-Sliema nżammet nhar it-Tlieta 28 ta' Marzu 2023 fis-6pm ġewwa l-Kunsill Lokali ta' Tas-Sliema.

| | | |
|---|---|---|
| **PREŻENTI** | John Pillow | Sindku |
| | Anton Debono | Viċi-Sindku |
| | Wallace Vella Baldacchino | Kunsillier |
| | David Soler | Kunsillier |
| | Emanuel Borg | Kunsillier |
| | Tony Galea | Kunsillier |
| | John Dougall | Kunsillier |
| | Paul Radmilli | Kunsillier |
| | Illona Fenech | Kunsilliera |
| | Kevin Wain | Kunsillier |
| | Vivian Galea Pace | Kunsilliera |
| ASSENTI **B'APPOLOGIJA** | David Muscat | Kunsillier |
| **(Skont Ordni Permanenti 14A (3)** | Pierre Portelli | Kunsillier |
| **ASSENTI** | | |
| **UFFIĊĊJALI PREŻENTI** | Anthony Attard | Segretarju Eżekuttiv |

*Is-Seduta bdiet b'din l-Agenda fis-18:00:*
*59.1 Qari tal-ittri ta' apologij ;*
*59.2 Audited Financial Statements*
*59.3 Management Letter Reply 2022;*
*59.4 Baġit 2023*
*59.5 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss;*

**59.1 QARI TAL-ITTRI TA' APOLOGIJI**

59.1.1 Is-Segretarju Ezekuttiv informa li l-kunsillier D.Muscat u P.Portelli talbu biex ikunu skużati

**59.2 AUDITED FINANCIAL STATEMENTS**

59.2.1 Mall-wasla tal-accountant għall-ħabta ta' 6pm bdiet il-laqgħa. Is-Segretarju Eżekuttiv informa li kien bagħat l-Audited Financial Statements lill-membri kollha u li kien hemm biddliet zgħar mill-Unaudited Financial Statements li kienu ġew approvati f'Lulju 2022.

59.2.2 L-accountant, is-sur Chris Vella qal ma kien hemm l-ebda audit adjustments, ħlief relokazzjoni ta' erba' figuri. Dawn kienu għall-garanziji li l-Kunsill ħallas għar-restawr tan-niċċeċ, biex il-figuri amalgamati ma' kuntrattur partikolari jitressqu minn Payables għal Receivables, fuq il-grants tar-Reġjun, u relokazzjoni ta' figura ta' €3,400 li ħass ma kelliex isir izda qal il-Kunsill m'għandux jiġġieled fuq dan il-punt mall-Awdituri.

59.2.3 Is-sur Vella, fil-kapaċita tiegħu bħala accountant tal-Kunsill ħeġġeġ lill-Kunsill sabiex japprovaw id-dokument. Il-kunsillier J.Dougall ippropona li d-dokument tkun approvata. Il-kunsillier E.Borg issekondaħ. Kien hemm qbil unanimu.

**Il-kunsillieri I.Fenech u P.Radmilli waslu fis-18:30**

**59.3 MANAGEMENT REPLY 2022**

59.3.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi bagħat il-Management Letter, kif ukoll id-draft tat-tweġiba, ftit ġranet qabel il-laqgħa.

59.3.2 Rigward il-Creditors, l-accountant qal illi hemm bzonn isir tindifa tagħhom. Kien hemm qbil unanimu.

59.3.3 Kien hemm qualified audit report dwar 'deferred income'. L-awdituri riedu kuntratt bħala ftehim bejn il-Kunsill u r-Reġjun għall-fondi li ingħataw lil kull Kunsill qabel is-sena 2020 għall-proġetti tal-komunita. Is-Segretarju Eżekuttiv informa li diġa għamel kuntatt mall-awdituri fejn qal qatt ma kien hemm kuntratti għal dawn il-fondi. Qal illi anka għamel kuntatt mar-Reġjun biex jikkonfermawha u għalhekk ma qabilx mal-qualified audit report. Żied illi kien hemm qualified audit report fuq xi ħaġa oħra, relatata mall-proġett tal-Car Park, u li l-awdituri neħħewha mill-Managemet Letter.

Is-sur Vella qal illi dan id-deferred income kienu intbagħatu bħala 'dividends' li kellom jintużaw għall-proġetti għall-benefiċċju tal-komunita u ma kien hemm l-ebda ħin stipulat sabiex dawn isiru. B'hekk ma qabilx mall-qualified report.

59.3.4 Kien hemm ukoll punt dwar Lvant Joint Committee izda s-Segretarju Eżekuttiv qal illi l-awdituri kienu ingħataw ittra mingħand id-Dipartiment biex turi li din ġiet solvuta u b'hekk m'għandix tidher fil-Management Letter.

59.3.5 Il-kunsillier D.Soler ippropona li l-Management Letter u t-tweġiba jiġu approvati. Il-kunsillier A.Galea ssekondaħ. Kien hemm qbil unanimu.

**Il-kunsillier K.Wain telaq fis-7pm**

## 59.4 BAĠIT 2023

59.4.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq għall-approvazzjoni l-baġit għas-sena 2023. Wara diskussjoni fejn ma kien hemm l-ebda bidliet għad-dokument oriġinali, il-kunsillier E.Borg ippropona li tiġi approvata. Il-kunsillier D.Soler issekondaħ. Kien hemm qbil unanimu.

**59.5** **TMIEM TAL-LAQGĦA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS**

Is-Seduta ntemmet fit-20:00. Il-laqgħa li jmiss se ssir nhar it-Tnejn 17 t'April 2023

Minuti approvati llum 17 t'April 2023

| | |
|---|---|
| (IFFIRMATA) | (IFFIRMATA) |
| **John Pillow** | **Anthony Attard** |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |